31998L0091

16.1.1999 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 11/25

# ID-DIRETTIVA 98/91/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## ta' l-14 ta' Diċembru 1998

## dwar vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom maħsuba għat-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq u li temenda d-Direttiva 70/156/KEE dwar it-tip ta' approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom.

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 100a dwar dan,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Huma u jaġixxu b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 189b tat-Trattat ([3]),

Wara li kkunsidraw id-Direttiva tal-Kunsill 94/55/KE tal-21 ta' Novembru 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq ([4]), li tittrasposta f'liġi tal-Komunità l-Ftehim Ewropew li jirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bit-Triq ta' Merkanzija Perikoluża (ADR),

Billi s-suq intern jikkonsisti f'firxa mingħajr fruntieri interni li fiha jrid jiġi żgurat il-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital;

Billi l-armonizzazzjoni totali dwar il-ħtiġiet tekniċi għall-vetturi maħsuba li jġorru merkanzija perikoluża bit-triq hija meħtieġa sabiex jinkiseb dan il-għan immedjat fl-intier tiegħu;

Billi l-barrieri tekniċi għall-kummerċ dwar id-dispożizzjonijiet għall-approvazzjoni tal-KE skond it-tip għall-vetturi maħsuba għat-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq għandhom jiġu eliminati sabiex iħallu l-organizazzjoni tas-suq involut fil-kwistjoni li jopera mingħajr xkiel;

Billi huwa għalhekk meħtieġ fil-kuntest tas-suq intern li jiġi armonizzat l-istandards għall-mezzi tat-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq;

Billi huwa meħtieġ li jiġu armonizzati l-proċeduri ta' approvazzjoni fl-Istati Membri;

Billi din id-Direttiva sejra tkun waħda mid-Direttivi separati li jridu jitwettqu sabiex isiru konformi mal-proċedura ta' l-approvazzjoni tal-KE skond it-tip li kienet ġiet stabbilita bid-Direttiva 70/156/KEE ([5]) u sabiex jiġi żgurat il-konformità ta' vetturi mal-ħtiġiet tal-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip KE stabbilita b'dik id-Direttiva; billi għalhekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 70/156/KEE dwar vetturi japplikaw għal din id-Direttiva;

---

([1]) ĠU C 29, tat-30.1.1997, p. 17 u ĠU C 207, tat-3.7.1998, p. 18.

([2]) ĠU C 296, tad-29.9.1997, p. 1.

([3]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Frar 1998 (ĠU C 80, tas-16.3.1998, p. 209), il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 1998 (ĠU C 262, tad-19.8.1998, p. 1) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 1998 (ĠU C 341, tad-9.11.1998). Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 1998.

([4]) ĠU L 319, tat-12.12.1994, p. 7. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 96/86/KE (ĠU L 335, 24.12.1996, p. 43).

([5]) Id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni skond it-tip għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom (ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1). Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 98/14/KE (ĠU L 91, tal-25.3.1998, p. 1).

Billi, b'mod partikolari, l-Artikolu 3(4) u l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 70/156/KEE jeħtieġu li kull Direttiva separata jkollha dokument ta' tagħrif imwaħħal magħha li jinkorpora l-elenkati rilevanti ta' l-Anness I għal dik id-Direttiva u wkoll kull ċertifikat ta' approvazzjoni skond it-tip bażat fuq l-Anness VI ma dan sabiex din l-approvazzjoni skond it-tip tiġi kompjuterizzata,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

Din id-Direttiva għandha tapplika għall-vetturi tal-kategoriji "N" u "O", kif imfissra fl-Artikolu 2 ta' l-Anness II mad-Direttiva 70/156/KEE, maħsuba għat-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq ġewwa jew bejn l-Istati Membri.

L-iskop, id-definizzjoni, il-klassifikazzjoni u l-ħtiġiet dwar dawn il-vetturi u d-dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni KE skond it-tip dwar dawn huma stabbiliti fl-Annessi I u II rispettivament ma' din id-Direttiva.

*L-Artikolu 2*

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

– "*merkanzija perikoluża*" għandhom ifissru s-sustanzi u l-artikoli mfissra fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 94/55/KE,

– "*trasport*" għandu jfisser il-ħidma tat-trasport bit-triq imfisser fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 94/55/KE.

*L-Artikolu 3*

Id-Direttiva 70/156/KEE għandha tiġi emendata biż-żieda ta':

(a) l-elenkat li ġej ma' l-Anness I:

"14. DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-VETTURI MAĦSUBA GĦAT-TRASPORT TA' MERKANZIJA PERIKOLUŻA

14.1. **Tagħmir elettriku b'mod konformi mad-Direttiva 94/55/KE**

14.1.1. Protezzjoni kontra s-sħana żejda tal-kondutturi: ...............................

...........................................................................

14.1.2. It-tip ta' l-apparat li jwaqqaf iċ-ċirkwit (*circuit breaker*): ...........................

...........................................................................

14.1.3. It-tip u l-operat tas-swiċċ prinċipali (*master*) tal-batterija: ........................

...........................................................................

14.1.4. Id-deskrizzjoni u l-lokazzjoni ta' l-ostakolu ta' salvagward għat-takografu: ...........

...........................................................................

14.1.5. Id-deskrizzjoni ta' installazzjonijiet permanentement mogħtija l-enerġija, Indika l-livell stabbili EN applikat: ...............................................

...........................................................................

14.1.6. Il-kostruzzjoni u l-ħarsien ta' l-installazzjoni elettrika lokata fuq in-naħa ta' wara tal-kabina tas-sewwieq: ..................................................

...........................................................................

14.2. **Il-prevenzjoni tar-riskji min-nirien**

14.2.1. It-tip ta' materjal li ma jeħux in-nar fil-pront fil-kabina tas-sewwieq: ................

..............................................................

14.2.2. It-tip ta' lqugħ mis-sħana fuq in-naħa ta' wara tal-kabina tas-sewwieq (jekk applikabbli): ..

..............................................................

14.2.3. Il-pożizzjoni u l-protezzjoni mis-sħana tal-magna: ..........................

..............................................................

14.2.4. Il-pożizzjoni u l-protezzjoni tas-sistema tal-ħruġ tad-duħħan (*'exhaust'*): ..............

..............................................................

14.2.5. It-tip u d-disinn tal-protezzjoni mis-sħana tas-sistemi tal-brejkijiet li jifilħu: ...........

..............................................................

14.2.6. It-tip, id-disinn u l-pożizzjoni tal-*heaters* tal-kombustjoni (*combustion heaters*): ..........

..............................................................

14.3. **Ħtiġiet speċjali għall-kostruzzjoni tal-*body*, jekk hemm, b' mod konformi mad-Direttiva 94/55/KE**

14.3.1. Deskrizzjoni tal-miżuri biex jikkonformaw mal-ħtiġiet tal-vetturi tat-Tip *EX*/II u tat-Tip EX/III: ..............................................................

..............................................................

14.3.2. Fil-każ ta' vetturi tat-Tip EX/III, ir-reżistenza għas-sħana minn barra: ................

..............................................................";

(b) l-elenkat li ġej fil-Parti A ta' l-Anness IV:

| Suġġett | Numru tad-Direttiva | Ir-riferenza fil-Ġurnal Uffiċjali | L-Applikabbilità | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | $M_1$ | $M_2$ | $M_3$ | $N_1$ | $N_2$ | $N_3$ | $O_1$ | $O_2$ | $O_3$ | $O_4$ |
| "56, Vetturi maħsuba għat-trasport ta' merkanzija perikoluża | 98/91/KE | L 11 tas-16.1.1999 | | | | x | x | x | x | x | x | x" |

*L-Artikolu 4*

1. L-Istati Membri ma jistgħux:

– jirrifjutaw, dwar it-tip ta' kull vettura, li jikkonċedu l-approvazzjoni tal-KE skond it-tip jew li jikkonċedu approvazzjoni nazzjonali skond it-tip, jew

– jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul għax-xogħol ta' vetturi bil-bażi bażi biss jew vetturi kompletati kif imfissra fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 70/156/KEE għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mat-trasport ta' merkanzija perikoluża jekk il-ħtiġiet ta' l-Annessi ma' din id-Direttiva jiġu mwettqa

2. L-Istati Membri ma jistgħux jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul għax-xogħol ta' kull vettura maħduma minn vettura bil-bażi biss kif imfissra fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 70/156/KEE għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-vettura bil-bażi biss u mat-trasport ta' merkanzija perikoluża:

– jekk għal vettura bil-bażi biss il-ħtiġiet ta' l-Annessi ma' din id-Direttiva jiġu mwettqa u jekk il-tkomplija tal- vettura bil-bażi biss ma tkunx invalidat din il-konformità, jew

– jekk għal vettura kompletata l-ħtiġiet ta' l-Annessi ma' din id-Direttiva jiġu mwettqa.

*L-Artikolu 5*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux iktar tard mis-16 ta' Jannar 2000, u għandhom mill-ewwel jgħarfu lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istat Membru jadotta dawn il-miżuri, għandu jkun fihom kull referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-riferenza fl-okkazjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif issir din ir-riferenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam regolat minn din id-Direttiva.

*L-Artikolu 6*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*L-Artikolu 7*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-14 ta' Diċembru 1998.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. M. GIL-ROBLES | W. MOLTERER |

**LISTA TA' L-ANNESSI**

L-Anness I: Skop, definizzjoni, klassifikazzjoni, ħtiġiet

L-Anness II: Dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni KE skond it-tip

L-Appendiċi 1: Id-dokument tat-tagħrif

L-Appendiċi 2: Iċ-ċertifikat ta' l-appovazzjoni KE skond it-tip

Addendum

*L-ANNESS I*

## SKOP, DEFINIZZJONI, KLASSIFIKAZZJONI, ĦTIĠIET

1. SKOP

1.1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal kull vettura, sewwa jekk kompletata (p.e.,vannijiet, trakkijiet, tratturi, karrijiet mibnija fi stadju wieħed), mhux kompluti (p.e. il-kabina tax-*chassis*, il-kabina tax-*chassis* imgħammra b'*body*), maħsuba għat-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq.

2. DEFINIZZJONI

2.1. "Tip ta' vettura" għandu jikkonsisti fil-vetturi li ma jiddifferixxux minn xulxin għall-inqas fl-aspetti essenzjali li ġejjin:

- il-fabbrikant,
- l-isem tat-tip mogħti mill-fabbrikant,
- il-kategorija,
- l-aspetti essenzjali tal-kostruzzjoni u d-disinn kif għandhom x'jaqsmu mad-"Dispożizzjonijiet tekniċi" fl-Appendiċi B2 ma' l-Anness B mad-Direttiva 94/55/KE.

3. IL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-VETTURI MAĦSUBA GĦAT-TRASPORT TA' MERKANZIJA PERIKOLUŻA BIT-TRIQ

3.1. Il-vetturi maħsuba għat-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq huma klassifikati b' mod konformi mal-*marġinal* 220 301 ta' l-Anness B mad-Direttiva 94/55/KE kif ġej:

3.1.1. EX/II għall-vetturi maħsuba għat-trasport ta' splussivi bħala unitajiet tat-trasport tat-tip II;

3.1.2. EX/III għall-vetturi maħsuba għat-trasport ta' splussivi bħala unitajiet tat-trasport tat-tip III;

3.1.3. FL għall-vetturi maħsuba għat-trasport ta' likwidi b' kull *flashpoint* ta' mhux iktar minn 61 °C jew gassijiet li jieħdu n-nar, f'tankijiet-kontenituri ta' kapaċità ta' iktar min 3 000 litru, bit-tankijiet fissi jew bit-tankijiet li jistgħu jiġu żmuntati u għall-vetturi li jaħdmu bil-batteriji ta' kapaċità ta' mhux iktar minn 1 000 litru maħsuba biex iġorru gassijiet li jieħdu n-nar;

3.1.4. OX għall-vetturi maħsuba biex iġorru sustanzi tal-klassi 5.1, marġinali 2501, elenkat 1 (a), f'tankijiet-kontenituri ta' kapaċita ta' iktar minn 3 000 litru, bit-tankijiet fissi jew bit-tankijiet li jiżmuntaw;

3.1.5. AT għal vetturi oħra, għajr dawk tat-tipi *FL* jew *OX*, maħsuba biex iġorru merkanzija perikoluża f'kontenituri-tankijiet ta' kapaċità ta' iktar minn 3 000 litru, bit-tankijiet fissi jew li jiżmuntaw, u għall-vetturi bil-batteriji ta' kapaċita ta' iktar minn 1 000 litru għajr dawk tat-tip *FL*.

4. ĦTIĠIET

Il-ħtiġiet li jirrigwardaw il-kostruzzjoni tal-vetturi maħsuba għat-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq, inklużi d-dispożizzjonijiet ta' l-approvazzjoni tagħhom skond it-tip, fejn jixraq, stabbiliti fil-marġinali 220 500 sa 220 540 ta' l-Anness B mad-Direttiva 94/55/KE għandhom jiġu mwettqa.

*L-ANNESS II*

**DISPOŻIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI GĦALL-APPROVAZZJONI KE SKOND IT-TIP**

1. L-APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI KE SKOND IT-TIP

1.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni KE skond it-tip kif previst bl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 10/156/KEE għal kull vettura maħsuba għat-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq għandha tiġi sottomessa mill-fabbrikant.

1.2. Kull mudell tad-dokument tat-tagħrif huwa mogħti fl-Appendiċi 1.

1.3. Kull vettura jew vetturi li jikkonformaw mal-karatteristiċi deskritti fl-Appendiċi 1 ma' din id-Direttiva u magħżula bis-sodisfazzjon tas-servizz tekniku li jieħu ħsieb l-eżamijiet u l-kontrolli (*check*) għall-approvazzjoni bħala li jkunu rappreżentattivi skond it-tip li jrid jiġi approvat, iridu jiġu sottomessi għal dan is-servizz tekniku.

2. IL-KONĊESSJONI TA' L-APPROVAZZJONI KE SKOND IT-TIP

2.1. Jekk jiġu ssodisfati l-ħtiġiet rilevanti, għandha tiġi konċessa approvazjoni tal-KE skond it-tip kif previst bl-Artikolu 4(3) u, jekk japplika, l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 70/156/KEE.

2.2. Mudell ta' kull ċertifikat ta' l-approvazzjoni KE skond it-tip huwa mogħti fl-Appendiċi 2.

2.3. Għandu jiġi assenjat kull numru għall-approvazzjoni b'mod konformi ma' l-Anness VII mad-Direttiva 70/156/KEE lil kull tip ta' vettura approvata. L-istess Stat Membru ma għandux jassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura.

3. IL-MODIFIKA TAT-TIP U L-EMENDI GĦALL-APPROVAZZJONIJIET

3.1. Fil-każ ta' modifika fit-tip ta' vettura approvata kif previst b'din id-Direttiva, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 70/156/KEE għandhom japplikaw.

3.2. Kull test parzjali kif definit mis-servizz tekniku li jkollu x'aqsam mal-modifiki magħmula jista' jitwettaq.

4. IL-KONFORMITÀ FIL-PRODUZZJONI

Għandhom jittieħdu miżuri sabiex jiżguraw il-konformità fil-produzzjoni b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE.

*L-Appendiċi 1*

**ID-DOKUMENT TAT-TAGĦRIF Nru ….**

**skond l-Anness I mad-Direttiva 70/156/KEE dwar l-approvazzjoni KE skond it-tip għal vettura maħsuba biex iġġorr merkanzija perikoluża bit-triq**

It-tagħrif li ġej, jekk japplika, irid jiġi fornut fi tliet kopji u jrid jinkludi kull elenku ta' kontenut. Kull disinn irid jiġi fornut skond l-iskala xierqa u f'dettal biżżejjed fuq daqs tal-karta ta' A4 (210 mm × 297 mm) jew ġo *folder* tal-format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, iridu juru biżżejjed dettal.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettriċi, irid jiġi fornut tagħrif dwar ix-xogħol ta' dawn.

0. ĠENERALI

0.1. Għamla (l-isem kummerċjali tal-fabbrikant): ……………………………………

0.2. Tip: ……………………………………

0.2.1. L-isem/ismijiet ġenerali kummerċjali (jekk applikabbli): ……………………………………

0.3. Mezzi ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkati fuq il-vettura ([b]) ([1]):

0.3.1. Lok ta' din il-marka: ……………………………………

0.4. Kategorija tal-vettura ([c]): ……………………………………

0.4.1. Klassifikazzjoni/jiet skond il-merkanzija perikoluża li l-vettura maħsuba li ġġorr: ……………………………………

……………………………………

0.5. Isem u l-indirizz tal-fabbrikant: ……………………………………

0.8. Indirizz/i ta' l-impjant/i tal-muntar: ……………………………………

1. KARATTERISTIĊI ĠENERALI TAL-KOSTRUZZJONI TAL-VETTURA

1.1. Ritratti u/jew disinji ta' kull vettura rappreżentattiva: ……………………………………

1.6. Pożizzjoni u arranġament tal-magna: ……………………………………

2. PIŻIJIET U DIMENSJONIJIET ([e]) (f'kg u mm)

2.8. Il-massa massima bit-tagħbija teknikament permissibbli dikjarata mill-fabbrikant ([y]) (massima u minima għal kull varjant): ……………………………………

2.9. Tagħbija/massa massima teknikament permissibbli fuq kull fus: ……………………………………

……………………………………

2.10. Tagħbija/massa massima teknikament permissibbli fuq kull grupp ta' fusien: ……………………………………

3. L-IMPJANT TA' L-ENERĠIJA ([q])

3.2. *Il-magna b'kombustjoni interna*

3.2.2. Karburant: diesel/petrol/LPG/kwalità oħra ([2])

3.2.3.1. It-tankijiet tax-xogħol tal-karburanti

3.2.3.1.2. Disinji u deskrizzjoni tat-tanjk/ijiet b'kull konnessjoni tagħhom u kull linja ta' l-arja u s-sistema tal-ventilazzjoni, is-sokriet, il-valvoli, il-mezzi tas-sikkar: ……………………………………

……………………………………

([1]) In-numri u n-numri fil-qiegħ tal-paġna tal-punti/oġġetti użati f'dan id-dokument ta' tagħrif jikkorrespondu ma' dawk dikjarati fl-Anness I mad-Direttiva 70/156/KEE. Il-punti/oġġetti mhux rilevanti għall-għan tad-direttiva 70/156/KEE huma mħollija barra.

([2]) Ħassar fejn ma japplikax.

3.2.3.1.3. Tpinġija li turi biċ-ċar il-pożizzjoni tat-tank/ijiet fil-vettura: ....................................

..............................................................................

3.2.3.2. Tankijiet ta' riserva għall-karburanti

3.2.3.2.2. Tpinġija u deskrizzjoni tat-tanjk/ijiet b' kull konnessjoni tagħhom u kull linja ta' l-arja u s-sistema tal-ventilazzjoni, is-sokriet, il-valvoli, il-mezzi tas-sikkar: ..........................................

..............................................................................

3.2.3.2.3. Tpinġija li turi biċ-ċar il-pożizzjoni tat-tank/ijiet fil-vettura: ....................................

..............................................................................

8. IL-BREJKIJIET

8.5. Is-sistema ta' kontra l-ġammjar (*anti-lock*) tal-brejkijiet: Iva/Le/bil-għażla [1]

8.5.1. Għall-vetturi b'sistemi ta' kontra l-ġammjar, deskrizzjoni tal-ħidma tas-sistema (inkluża kull parti elettronika), dijagramma-blokka ta' l-elettriku, pjanta taċ-ċirkwitu idrawliku jew pnewmatiku: ..............

8.9. Deskrizzjoni fil-qosor tal-mezzi tal-brejkijiet (skond il-punt/oġġett 1.6. fl-*Addendum* ma' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness IX tad-Direttiva 71/320/KEE): ....................................................

8.11. Partikolaritajiet dwar it-tip/i tas-sistema/i dwar kemm jifilħu l-brejkijiet: ..........................

9. IL-*BODYWORK*

9.1. Tip ta' *bodywork*: ..............................................................

9.2. Materjali użati u l-metodu tal-kostruzzjoni: ............................................

12. MIXXELLANJI

12.6. *Il-limitaturi tal-ġiri*

12.6.1. Fabbrikant(i): ..............................................................

12.6.2. Tip(i): ....................................................................

12.6.3. Numru(i) ta' l-approvazzjoni, jekk disponibbli: ............................................

14. DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-VETTURI MAĦSUBA GĦAT-TRASPORT TA' MERKANZIJA PERIKOLUŻA

14.1. Tagħmir elettriku skond id-Direttiva 94/55/KE: ..........................................

14.1.1. Protezzjoni kontra s-sħana żejda tal-kondutturi: ..........................................

14.1.2. It-tip ta' tagħmir li jwaqqaf iċ-ċirkwit (*circuit breaker*): ......................................

14.1.3. It-tip u l-ħdma tas-swiċċ prinċipali (*master*) tal-batterija: ....................................

14.1.4. Id-deskrizzjoni u l-lok ta' l-ostakolu ta' salvagward għat-takografu: ...........................

14.1.5. Id-deskrizzjoni ta' installazzjonijiet permanenement mogħtija l-enerġija, indika l-livell stabbili EN applikat:

..............................................................................

14.1.6. Il-kostruzzjoni u l-protezzjoni ta' l-installazzjoni elettrika lokata fuq in-naħa ta' wara tal-kabina tas-sewwieq:

..............................................................................

14.2. Il-prevenzjoni tar-riskji min-nirien ..........................................................

14.2.1. It-tip ta' materjal li ma jeħux in-nar fil-pront fil-kabina tas-sewwieq: ..........................

[1] Ħassar fejn ma japplikax.

14.2.2. It-tip ta' lqugħ mis-sħana fuq in-naħa ta' wara tal-kabina tas-sewwieq (jekk applikabbli): . . . . . . . . . . . . . .

14.2.3. Il-pożizzjoni u l-protezzjoni mis-sħana tal-magna: . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

14.2.4. Il-pożizzjoni u l-protezzjoni tas-sistema tal-ħruġ tad-duħħan (*exhaust*): . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

14.2.5. It-tip u d-disinn tal-protezzjoni mis-sħana li jifilħu s-sistemi tal-brejkijiet: . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

14.2.6. It-tip, id-disinn u l-pożizzjoni tal-kombustjoni: . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

14.3. Ħtiġiet speċjali għall-kostruzzjoni tal-*body*, jekk hemm, skond id-Direttiva 94/55/KE: . . . . . . . . . . . . . . . .

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

14.3.1. Deskrizzjoni tal-miżuri biex jikkonformaw mal-ħtiġiet tal-vetturi tat-Tip EX/II u tat-Tip EX/III: . . . . . . . . .

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

14.3.2. Fil-każ ta' vetturi tat-Tip EX/III, ir-reżistenza għas-sħana minn barra: . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

---

*L-Appendiċi 2*

MUDELL

(format massimu: A4 (210 × 297 mm))

**IĊ-ĊERTIFIKAT TA' L-APPOVAZZJONI KE SKOND IT-TIP**

| Timbru ta' l-Amministrazzjoni |
|---|

Kommunikazzjoni li tirrigwarda l-:

– approvazzjoni skond it-tip ([1]),

– estensjoni ta' l-approvazzjoni skond it-tip ([1]),

– rifjut ta' l-approvazzjoni skond it-tip ([1]),

– irtirar ta' l-approvazzjoni skond it-tip ([1]),

dwar tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata ([1]) rigward id-Direttiva 98/91/KE li għandha x'taqsam mal-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom maħsuba biex iġorru merkanzija perikoluża u li temenda d-Direttiva 70/156/KEE li għandha x'taqsam ma' l-approvazzjoni skond it-tip għall-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom.

Approvazzjoni KE skond it-tip Nru: ..........................................................

Raġuni għall-estensjoni: ..........................................................

IT-TAQSIMA I

0.1. Għamla (l-isem kummerċjali tal-fabbrikant): ..........................................................

0.2. Tip: ..........................................................

0.2.1. Isem/ismijiet kummerċjali (jekk applikabbli): ..........................................................

..........................................................

0.3. Mezzi ta' identifikazzjoni skond it-tip, jekk immarkati fuq il-vettura/komponenti/unità teknika separata ([2]): ...

..........................................................

0.3.1. Lok ta' dik il-marka: ..........................................................

0.4. Kategorija tal-vettura ([3]): ..........................................................

0.5. Isem u l-indirizz tal-fabbrikant: ..........................................................

..........................................................

Isem u indirizz tal-fabbrikant ta' l-istadju mibni l-aħħar tal-vettura: ..........................................................

..........................................................

0.8. Isem/ismijiet u indirizz/i ta' l-impjant/i tal-muntar: ..........................................................

..........................................................

..........................................................

([1]) Ħassar fejn ma japplikax.

([2]) Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni skond it-tip ikun fih karatteristiċi mhux rilevanti biex jiddeskrivu l-vettura, il-komponent jew l-unità teknika separata skond it-tipi koperti b'dan iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni skond it-tip, dawn il-karatteristiċi għandhom jiġu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu "?" (p.e. ABC??123??).

([3]) Kif imfisser fl-Anness II.A mad-Direttiva 70/156/KEE.

IT-TAQSIMA II

1. Tagħrif addizzjonali (meta japplika) ara l-*Addendum*

2. Is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq ta' l-eżamijiet: . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

3. Data tar-rapport ta' l-eżami: . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

4. Nurmu tar-rapport ta' l-eżami: . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

5. Rimarki (ara l-*Addendum*)

6. Post: . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

7. Data: . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

8. Firma: . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

9. L-indiċi tal-fajl ta' approvazzjoni skond it-tip sottomess lill-awtoritajiet kompetenti, li jista' jiġi miksub fuq talba, huwa mehmuż.

---

*Addendum*

**għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni KE skond it-tip Nru… dwar l-approvazzjoni skond it-tip għal kull vettura maħsuba biex iġġorr merkanzija perikoluża bit-triq rigward id-Direttiva 98/91/KE**

1. Tagħrif addizzjonali ([1])

1.1. Klassifika b'mod konformi mal-paragrafu 3 ta' l-Anness I: . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

1.2. Deskrizzjoni fil-qosor tat-tip ta' vettura rigward l-istruttura, id-dimensjoniet u l-materjali kostitwenti tagħha: .

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

1.3. Il-lok tal-magna (għat-tipi EX/II u EX/III inklużi l-lok 'il-quddiem mill-quddiem tal-kompartiment tat-tagħbija jew taħt il-kompartiment tat-tagħbija): . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

5. Rimarki: . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

---

([1]) Jekk meħtieġ, tista' ssir riferenza għad-dokument tat-tagħrif.